**5 ta' Marzu, 1993**

**Imħallef: –**

**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Il-Pulizija (Spt. Carmelo Magro)

*versus*

Joseph Pace u Louis Scicluna

**Liċenzji tal-Pulizija – Imwejjed u Siġġijiet fuq Art Pubblika – Art tal-Gvern – Konċessjoni Enfitewtika**

*Meta art tal-Gvern tiġi konċessa b'enfitewsi ma tibqax art pubblika għax dik il-konċessjoni timporta trasferiment ta' drittijiet reali*

*b'mod li l-konċessjonarju jsir prattikament proprjetarju ta' dik l-art u jokkupaha uti dominus. Il-konċedent, f'dan il-każ il-Gvern, jibqagħlu d-dirett dominju, iżda dik l-art ma tibqax art pubblika.*

Is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-5 ta' Ġunju, 1992 li minnha hemm l-appell preżenti, taqra hekk:

"Rat iċ-ċitazzjoni kontra l-imputati talli bħala diretturi tal-kumpanija *Brittania Catering Co. Ltd.* f'tas-Sliema, f'dawn l-aħħar xhur, inqastu li ġġeddu l-*liċenzji* ta' l-imwejjed u siġġijiet li hemm ħdejn il-*Magic Kiosk 1*, u *Magic Kiosk 2*, li qegħdin f'*St. Anne Square*, tas-Sliema, għas-sena 1991, kif stipulat fir-regolamenti 25a ta' l-Avviż Legali 13 ta' l-1990. B'hekk ġejtu li żammejtu l-imsemmija siġġijiet/imwejjed mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija. Il-Qorti bir-rispett kollu hija mitluba tordna lill-ħati sabiex jesegwixxi l-liġi billi jħallas il-*liċenzji* fi żmien suffiċjenti mogħti lilu mill-istess Qorti, u fin-nuqqas li ma jesegwixxix din l-ordni fi żmien hekk lilu mogħti, jeħel piena ta' mhux iżjed minn Lm2 għal kull ġurnata li tgħaddi wara li jagħlaq *iż-żmien hawn fuq imsemmi, kif hemm maħsub fl-*artikolu 321(1) Kap. 10 tal-liġijiet ta' Malta;

*Omissis;*

Illi dina l-Qorti hi tal-fehma illi l-Gvern ta' Malta bil-konċessjoni enfitewtika ta' l-1 ta' Marzu, 1979 neħħa l-prekarjetà ta' l-imputati *nomine* billi tahom titolu li bih setgħu joperaw. Min-naħa l-oħra l-kelma *'encroachment'* tagħti lok għal sitwazzjoni ta' prekarjetà assoluta. Fil-fehma ta' dina l-Qorti l-intestatura partikolari proprju tirreferi għal dik l-art pubblika li tingħata in konċessjoni mill-Gvern ta' Malta proprju b'titolu ta' *'encroachment'*. Il-fatt li l-Gvern ta' Malta kkonċeda l-art in enfitewsi neħħiet dina l-art mill-ambitu ta' art pubblika fis-

sens ta' art tal-Gvern;

Għaldaqstant, dina l-Qorti ma ssibx lill-imputati ħatja ta' l-akkużi miġjuba kontra tagħhom u kwindi tilliberahom mill-istess akkużi'';

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-Avukat Ġenerali li permezz tiegħu talab li din il-Qorti jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza minnu appellata u wara li tisma' l-provi mill-ġdid, issib lill-imputati appellati ħatja ta' l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħhom biex tinfliġġi l-piena skond il-liġi u tordna lill-istess imputati appellati sabiex jesegwixxu l-liġi billli jħallsu l-liċenzji fi żmien suffiċjenti li jiġi mogħti lilhom taħt piena fin-nuqqas, ta' mhux iżjed minn Lm2, għal kull ġurnata li tgħaddi wara li jgħalaq iż-żmien imsemmi kif hemm maħsub fl-artikolu 321(1) tal-Kap. 10 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat ir-risposta ta' l-imputati appellati għall-appell ta' l-Avukat Ġenerali;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat;

*Omissis;*

L-aggravju ta' l-Avukat Ġenerali huwa fis-sens illi l-Ewwel Qorti waslet għall-konklużjoni li s-sit *'de quo'* ma kienx ''art pubblika'' kif jirrikjedi r-regolament 25 formanti parti mill-ewwel skeda tar-regolamenti ta' l-1949 dwar il-liċenzji tal-Pulizija. Ir-

raġuni li tat l-ewwel Qorti kienet illi dawk ir-regolamenti kienu jirrigwardaw dik l-art pubbblika li tingħata in konċessjoni mill-Gvern ta' Malta proprju b'titolu ta' *"encroachment"*, u la l-Gvern kien ta l-art in enfitewsi tneħħiet dik l-art mill-ambitu ta' art pubbblika fis-sens ta' art tal-Gvern;

Skond l-Avukat Ġenerali jidher ċar għalhekk illi l-Ewwel Qorti erronjament ekwiparat il-kliem "art pubbblika" fir-regolament 25A ma "art tal-Gvern". Dan evidentement m'hux il-każ. Hawn *si tratta* minn regolamenti li jirrigwardaw liċenzji tal-Pulizija. M'aħniex nittrattaw minn xi ħlas ta' kera in kontrokambju ma' titolu konċess. Dak ħa ħsiebu l-kuntratt b'enfitewsi u fil-każijiet idoneji jieħu ħsieb l-ftehim ta' *"encroachment"*. Hawnhekk skond l-Avukat Ġenerali qegħdin nittrattaw minn regolamenti ntiżi għall-manteniment ta' l-ordni pubbliku u għalhekk *si tratta* minn drittijiet pagabbli għal-liċenzja meħtieġa *indipendentement* minn titolu, kuntratt jew ftehim ieħor, u minn kwalunkwe ħlasijiet pagabbli in virtu ta' dak it-titolu, kuntratt, jew ftehim ieħor;

L-appellant Avukat Ġenerali ssottometta wkoll illi ma hemmx dubju li "art pubbblika" fil-kuntest tar-regolament indikat għandha *is-sinifikat ta' art aċċessibbli għall-pubbliku. Tissemma* "art" minħabba n-natura tar-regolamenti u l-iskop li għalih qed isir il-ħlas iżda ma hemmx dubju li f'dan il-kuntest il-kelma "pubbblika" li tikkwalifika l-kelma "art" għandha l-istess portata tal-kelma "pubbliku" jew "pubbblika" f'diversi partijiet tal-Kodiċi Kriminali bħal per eżempju fl-artikolu 209 fejn tissemma "skola pubbblika" u fl-art. 338F fejn tissemma "postijiet pubbliċi" u fl-art. 338J fejn hemm riferenza għal "teatru pubbliku" fl-artikolu 202(1) tal-Kap. 10;

Daltronde, jissottometti l-Avukat Ġenerali, fl-istess parti tar-regolamenti taħt l-istess intestatura *"encroachment"*, wieħed isib id-drittijiet pagabbli għal tiżjin fit-toroq, għal tħaffir fit-triq pubblika jew post pubbliku;

Skond l-appellant, l-Ewwel Qorti għamlet aċċenn għall-kelma *"encroachment"* fl-intestatura. L-ewwelnett, din ma tiffumax parti mil-liġi għax it-titoli ma jiffurmawx parti mil-liġi u fi kwalunkwe każ din il-kelma trid neċessarjament tittieħed fil-kuntest ta' l-għan tar-regolamenti in kwistjoni;

Ikkunsidrat:

Bħala fatti mhux ikkontestati jirriżulta illi l-art fejn tpoġġew is-siġġijiet u l-imwejjed ġiet konċessa b'titolu ta' enfitewsi lill-imputat u *li l-imputat ikkostruwixxa lokal magħluq li ntuża bħal "catering establishment"* kif impost fil-kuntratt enfitewtiku. Ir-regolamenti li fuqhom ġiet ibbażata l-akkuża huma dak li jaqgħu taħt l-artikolu 25 tar-regolamenti *"Encroachment"* fl-art. 25 tar-regolamenti ta' l-1990, dwar il-liċenzji tal-Pulizija. Dawn ir-regolamenti jimponu l-ħlas ta' *"fees"* għal tqegħid ta' siġġijiet u mwejjed meta dawn jitpoġġew *"on a public site"*. Skond l-appellat bil-konċessjoni enfitewtika, l-istess konċedent jiġifieri l-Gvern, volontarjament biddel in-natura ta' l-art minn dik ta' *"public site"* għal waħda privata. L-appellat jissottometti wkoll li l-argumenti ta' l-Avukat Ġenerali illi minħabba l-fatt illi l-lokal huwa aċċessibbli għall-pubbliku allura jsir *"public site"* huwa fallaċi u li kieku wieħed kellu jaddotta dan l-argument, kull *restaurant* u *caffè* li għandu mwejjed fil-lokal mhux proprjetà tal-Gvern jkollu jħallas il-*fees* għas-siġġijiet u mwejjed li ċertament m'huwiex il-każ. Infatti l-liġi in eżami tirregola l-ħlas ta' dawn il-*"fees"* fil-każ biss meta l-imsemmija siġġijiet u

mwejjed jitpoġġew f'art mogħtija *"on encroachment"* u mhux meta hija privata kif jidher ċar li hu fil-każ preżenti;

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti wara li ħasbet fuq il-fatti speċi tal-każ ma tistax tifhem kif l-appell ta' l-Avukat Ġenerali jista' jiġi akkolt. Għal din il-Qorti, il-kwistjoni hija ċara daqs il-kristall u ta' faċli spedizzjoni. Infatti bil-kuntratt ta' enfitewsi li għalih hemm riferenza fis-sentenza appellata u anke fil-proċess huwa ovvju illi dak li seta' kien art pubblika qabel, ma baqax art pubblika għaliex konċessjoni enfitewtika timporta trasferiment ta' drittijiet reali b'mod illi l-konċessjonarju jsir prattikament proprjetarju ta' din l-art u jokkupaha *uti dominus*. Il-konċedent, f'dan il-każ il-Gvern, jibqagħlu d-dirett dominju, però, bl-ebda tiġbid ta' l-immaġinazzjoni ma jista' jingħad illi nonostante l-konċessjoni enfitewtika din l-art baqgħet art pubblika. Għal kumplament din il-Qorti tikkondividi pjenament l-apprezzament li għamlet l-Ewwel Onorabbli Qorti u għalhekk sejra tiddeċidi illi l-artikolu tal-liġi illi fuqu ġiet ibbażata l-akkuża ma tapplikax għall-każ preżenti. Kieku kien altrimenti, kif ġie sottomess, wieħed *ikollu jasal għall-assurdità illi min għandu* art li hija proprjetà assoluta tiegħu u fuqha in parti jibni strutturi u in parti jużaha għal biex fuqha jpoġġi mwejjed u siġġijiet mingħajr ma jkun qed jinvadi dik li hija verament art pubblika, ikun suġġett ukoll għal din il-liġi, mentri fil-fehma ta' din il-Qorti huwa ovvju li l-liġi ma kinitx intiża wkoll għal dawk il-każijiet;

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.